**AVVIŻI Ir-Raba' Ħadd tas-sena 3 ta' Frar 2019**

**Sibt 9**: Il-quddies ta' filgħaxija jkunu tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija, B'Kara, mid-9.00pm 'l quddiem issir l-Adorazzjoni għall-qdusija tal-Kleru. Min irid imur bit-trasport mitlub jinkiteb fil-Muzew tas-Santwarju.

**Ħadd 10: Solennita' tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl – Patrun ta' Malta.**

1. Nitolbu għal ħutna li ħallewna minn din il-komunita' matul Jannar: Dorothy Zarb, Christopher Portelli, Michael Axiaq, Joseph Zahra, Josephine Gauci, Agnes Mallia, Mary Grace Callus, Angela Magro, Theresa Grech, Joseph Psaila, Leli Buhagiar, Mary Zerafa, Marianna Grech, Silvana Grixti, Doris Romnani u Margaret Curmi. *Agħtihom, O, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem...*

2. It-Tnejn 11 ta' Frar, tifkira tal-ewwel dehra tal-Madonna f'Lourdes u *Jum il-Morda*, l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta se jġibu numru ta' morda fis-santwarju tagħna għall-quddiesa tas-6.00pm.

3. Fil-11 ta' Frar ukoll, l-Ghaqda tat-Trasport tal-Morda f'Lourdes se torganizza quddiesa fil-kolleġġjata ta' Bormla, li dis-sena qed tiċċelebra l-75 sena mill-pellegrinaġġ ta' tmiem il-gwerra. Se jkun hemm trasport mill-parroċċa u min jixtieq imur, jinkiteb fil-Mużew tas-Santwarju.

4. Inħeġġukom biex tkomplu tagħtu l-offerti tagħkom għar-restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp. Hemm l-envelopes quddiemha. Tistgħu taraw ukoll l-ammont li nġabar s'issa.

5. Jekk hawn xi distributuri ta' *Lehen is-Santwarju*, mitluba jidħlu għall-ħarġa ta' Frar wara din il-quddiesa ħa jqassmuha kemm jista' jkun malajr. L-envelope għall-offerti tagħkom se jitqassam mal-ħarġa ta' Marzu.

6. Fejn il-bibien tal-knisja hemm il-FLIMKIEN ta' Frar. Tistgħu tieħdu waħda intom u ħerġin.

7. Illum, l-ewwel Ħadd tax-xahar issir **il-ġabra speċjali** għas-santwarju. Kif tistgħu taraw, f'dawn il-ġranet tqegħdu **wċuh ġodda tal-irħam** bil-borduri fil-paviment tal-knisja minflok uħud li kellhom il-ħsara. Qed jitqegħdu wkoll il-kapitelli tal-konkos taħt l-irħam fejn ma jkunx hemm. Tqiegħed ukoll **dawl ġdid** fin-nicca tal-Madonna tal-Grazzja biex l-istatwa tidher aħjar. Nappellaw għalhekk għall-ġenerożita' tagħkom biex dawn ix-xogħlijiet u oħrajn, ikunu jistgħu jitħallsu. Grazzi ħafna tal-għajnuna tagħkom.